MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 598/2002/1

**Sharlene Cachia gja' Vasta**

**vs**

**Leonardo Vasta; u Dr. Tonio Azzopardi u L-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2002 gew appuntati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Leonardo Vasta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-31 ta' Ottubru 1999 bir-rit civili biss, u dana gewwa r-Registru taz-Zwigijiet, Valletta u dana kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A".

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

U illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi, ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fil-31 ta' Ottubru 1999 huwa null u bla effett fil-Ligi u dana *ai termini* ta' dak dispost fl-Att XXXVII ta' l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt biex jixhed in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru 2002 fejn inghata digriet affidavit tal-attrici b'terminu ta' erbghin (40) gurnata.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 22 ta' Novembru 2002 fejn talbet li jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Leonardo Vasta fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 10 ta' Dicembru 2002 fejn laqghat it-talba u nnominat lil Dr. Tonio Azzopardi u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-attrici tat-8 ta’ Jannar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha stess, ta’ Therese Cachia, ta’ Sonia Brincat u ta’ Vanessa Tonna.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Edwina Grima ghall-attrici ddikjarat li m’ghandhiex aktar provi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-11 ta’ Frar 2003 a fol. 41 fejn gie eccepit:-

Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Illi din il-kawza hija bazata fuq *causa illecita* u hija kontra l-*public policy* ta’ Malta u dana peress illi mill-affidavit ta’ l-attrici jidher illi hija ghazlet liberament li tinghaqad fi zwieg ta’ konvenjenza mal-konvenut li *“bis-sahha taz-zwieg taghna l-konvenut ma kienx gie deportat minn Malta”* avolja hija kienet taf illi l-konvenut *“kien ukoll divorzjat u kellu tifel li kien jinsab il-Germanja …. Barra minn hekk huwa kellu wkoll records kriminali u nvolviment fid-droga kemm l-Italja kif ukoll il-Germanja fejn huwa kien mizzewweg”.* Dawn l-affarijiet huma kontra l-Ligi. Min-naha l-ohra, mill-affidavit taghha jidher ukoll illi l-attrici pattietha qares ghall-ghazla deliberata li ghamlet li tidhol fi zwieg *“li sar unikament minhabba l-problemi ta’ deportazzjoni”.*

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 42 tal-process.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Edwina Grima ghall-attrici obbligat ruhha li fi zmien ghaxart ijiem tipprezenta kopja tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-konfront tal-konvenut, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum l-1 t’Ottubru 2003.

Rat in-nota tal-attrici tal-5 ta’ Marzu 2003 li permezz taghha esebiet kopja legali tal-imsemmija sentenza

moghtija mill-Qorti Kriminali tal-Appell fit-3 ta’ Marzu 2000 fl-ismijiet **“Il-Pulizija vs Leonardo Vasta”**.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Sharlene Cachia** permezz ta’ l-affidavit taghha sostniet:-

*“Jiena iltqajt mal-attur fis-sajf tal-1997. Jiena kelli dsatax-il sena (19) u l-konvenut kellu tlieta tletin sena (33). Konna iltqajna gewwa Taormina meta jiena kont mort hemmhekk ghal btala ma' habiba tieghi. Il-konvenut dak iz-zmien kien jahdem flimkien ma' siehbu gewwa pizzerija f'Giardini Naxos. Jiena kont mort mal-habiba tieghi niehu pizza f'dan* ir-‘restaurant’, siehbu kien qabad mal-habiba tieghi u hu kien qabad mieghi. Bqajt niltaqa' mieghu ghall-erbat ijiem li domna hemmhekk. Meta gejt lura Malta bqajna nzommu kuntatt permezz tat-telefon. Wara xahrejn jiena ergajt mort Taormina w ergajt iltqajt mieghu. Domt gimgha hemmhekk. Il-konvenut ried ilaqqaghni mal--familja tieghu u jumejn qabel ma gejt lura Malta, il--konvenut kien iggieled mat-tifel tas-sid tal-pizzerija fejn kien jahdem u spicca minghajr xoghol.

*Peress illi jiena kelli ‘flat’ Bugibba kont offrejtlu biex jinzel Malta u nipprova nsiblu xoghol Malta. Huwa accetta u tlaqna flimkien minn Taormina u gie mieghi lura Malta. Wara hmistax il-konvenut beda jahdem mal-General Cleaners u baqa' maghhom jahdem minghajr permess ghal sena u tmien xhur. F’dan il-perjodu peress illi kien jahdem fil-pubbliku, inqabad minn ufficjali tal-ETC u ttiehed l-ghassa tal-pulizija tal-Belt u minn hawn inbdew il-proceduri il-Qorti kontra tieghu ghaliex kien qieghed Malta minghajr permessi. Il-kaz kien tmexxa mill-Ispettur Neville Xuereb quddiem il-Magistrat Joe Cassar. Bqajna telghin u nezlin 'il fuq minn sena. Fis-sentenza tieghu l-Magistrat*

*Joe Cassar kien ordna d-deportazzjoni tal-konvenut a ghalhekk konna pprezentajna r-rikors tal-appell biex il-konvenut ma jitkecciex minn Malta.*

*Ghandi nghid illi kien biss fl-ahhar xahar qabel ma nqatghet is-sentenza illi ahna bdejna nitkellmu fuq il-possibilta' li nizzewgu bhala s-soluzzjoni ghal din il-problema li kien qieghed jiffaccja l-konvenut. Meta mbaghad inqatghet is-sentenza mill-Magistrat Joe Cassar ahna bdejna nhaffu l-procedura. Bdejna nippreparaw id-dokumenti necessarji u bdejna ngibu d-dokumenti li kellna bzonn mill-Italja. Meta kellna dawn id-dokumenti f'idejna, irrangajna d-data biex nizzewgu civilment.*

*Nghid illi jiena sa dan iz-zmien qatt ma kont hsibt fuq zwieg mal-konvenut u kien biss minhabba fic-cirkostanzi illi kellhom isiru l-pjanijiet mghagglin biex il-konvenut ma jitkecciex minn Malta. Tant kont imhabbta nigri minn post ghall-iehor biex nikseb id-dokumenti necessarji li ma waqaftx biex nahseb fil-pass illi kont ser niehu.*

*Ghandi nghid illi mill-bidunett jiena kelli oppozizzjoni min-naha tal-genituri tieghi. Il-konvenut minbarra li kien ta' nazzjonalita` Taljana, kien ukoll divorzjat u kellu tifel li kien jinstab il-Germanja. Barra minn hekk huwa kellu wkoll rekords kriminali u nvolviment fid-droga kemm l-Italja, kif ukoll il-Germanja fejn huwa kien mizzewweg. Jiena izda webbist rasi u minkejja l-oppozizzjoni tal-familja tieghi xorta wahda bqajt ghaddejja ghaz-zwieg.*

*Iz-zwieg gie ccelebrat bir-rit civili biss, konna ghamilna ikla wara u mill-familja tieghu kienu gew biss missieru, huh u l-mara ta' huh.*

*Bis-sahha taz-zwieg taghna l-konvenut ma kienx gie deportat minn Malta u dana kif jidher mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Vincent De Gaetano) li kopja taghha hija annessa mac-citazzjoni.*

*Ahna qatt ma ghamilna l-ebda pjan rigward il-hajja matrimonjali taghna u dana ghaliex kif diga' ghidt iz-zwieg*

*ghalina kien biss mezz biex il-konvenut ikun jista' jibqa' Malta. Huwa ma riedx imur lura l-Italja ghas-semplici raguni illi lanqas il-familja tieghu ma rieduh hemmhekk minhabba l-inkwiet li kien jaqla', anke mal-Awtoritajiet. Fil-fatt missieru kien nizel ghat-tieg b'rispett tieghi ghaliex meta kien icempel id-dar lanqas kien ikun irid ikellmu.*

*Ahna zzewwigna f'Ottubru 1999. Mill-ewwel jiena nqbadt tqila mhux ghaliex din it-tqala kienet ippjanata, izda peress illi ghall-konvenut din kienet garanzija illi jiena ma kont ser nitilqu qatt u b'hekk ma kienx ser jerga' jispicca fl-istess problemi.*

*Komunikazzjoni bejnietna fil-hajja mizzewga taghna ma kienx hemm. Jiena kont immur ghax-xoghol, hu beda jahdem mal-Catering Centre u konna nkunu rari flimkien. Anke fil-'weekends' jiena kont inqatta' hafna hin ghand ommi u hu kien jokkupa ruhu fil-passatempi tieghu bhas-sajd u dana ghal granet shah.*

*Wara t-twelid tat-tifel, il-konvenut beda jkun aggressiv mieghi u possessiv fuqi sesswalment. Kien beda jara anke films pornografici. Kien lanqas ihallini norqod ghaliex kien il-hin kollu jesigi li jaghmel l-att sesswali mieghi mhux b'mod normali izda b'mod annimalesk. Sahansitra kien jaqdi l-bzonnijiet tieghu anke meta kont inkun rieqda u lanqas kont nirrealizza dak li qieghed jaghmel fuqi, spiccajt inkun mugugha kontinwament u spiccajt b'hafna nfezzjonijiet tant li spiccajt kelli naghmel operazzjoni. Ghalkemm kont nigbidlu l-attenzjoni ghal dan il-fatt, dan kien kollu ghal ta' xejn ghaliex huwa xorta baqa' bl-istess istinti sesswali. Wara l-operazzjoni huwa rega' beda jaghmel l-istess affarijiet fuqi. Jiena bqajt nipprova nwaqqfu, kont inqum nghajjat u nwerzaq f'nofs ta' lejl tant illi kont inqajjem it-tifel li kien ghadu tarbija ta' ftit xhur. Fl-ahhar f'lejl minnhom iddecidejt li nitlaq mis-sodda hdejh u mort norqod fl-'ispare bedroom' mal-art fuq it-tapit ghaliex lanqas kellna sodda. Jiena minn hawn iddecidejt li ridt nissepara. Meta jiena gharraft lill-konvenut bid-decizjoni tieghi huwa beda jsir vjolenti mieghi fizikament u beda jsawwatni.*

*Niftakar okkazjoni partikolari meta t-tifel kien ghad ghandu hmistax-il gurnata. Leonardo kien mar l-ikla tal-Milied ma' tax-xoghol, gholla jdejh fuqi ghaliex irrabja meta beda jibki t-tifel. Din kienet I-ewwel darba  li kien vjolenti mieghi.*

*Huwa kien isawwatni kull darba li kien jirrabja, tant illi anke meta wasalna ghas-separazzjoni jiena ma stajtx niftah halqi ghaliex kien ikun vjolenti mieghi.*

*F'Novembru 2001, il-konvenut telaq mid-dar fejn qeghdin nghixu ghaliex il-hajja bejnietna saret impossibbli. lsseparajna permezz ta' separazzjoni f'April 2002. Illum jiena ma nafx fejn qieghed il-konvenut u lanqas kuntatt mat-tifel ma ghandu. Jiena naf illi llum huwa rega' mar lura l-Italja, izda fejn qieghed jiena ma nafx.  Ili ma nircievi manteniment ghat-tifel minn Awissu 2002.*

*Nikkonkludi illi mhabba bejnietna qatt ma kien hemm. Kien zwieg ta' malajr li sar unikament minhabba l-problemi ta' deportazzjoni li kellu l-konvenut, u dana peress illi dak iz-zmien jiena ma xtaqtux jitlaq minn Malta".*

Illi gew pprezentati wkoll tliet xhieda ohra mill-attrici li lkoll taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura tal-affidavit, u dawn huma: **Theresa Cachia** (fol. 29 u 30); **Sonia Brincat nee' Cachia** (fol. 31 u 32) u **Vanessa Tonna nee' Cachia** (fol. 33 u 34).

**(ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li qed issostni li l-istess zwieg kien vizzjat peress li hu kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu; il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan kollox  *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d)** u / jew **(f)** tal-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

*"**Artikolu 19 (1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett tad-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal*

*decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard in "*****L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and*

*volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dan kollu huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali kkonsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa**

**Mustefa Al Muhammed”** (P.A. (NA) 27 ta’ Lulju 1999) inghad li:-

*“Fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (PA. (Q.K) 7 ta’ Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m’ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta’ l-kumplament ta’ hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq ‘a partnership for life’”.*

*“Mill-gurisprudenza nostrana, jista’ jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta’ taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta’ u l-assistenza, l-unita’ u l-indossubilta’ taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta’ l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta’ ghajnuna u ta’ assistenza lil xulxin, b’impenn shih a favur ta’ xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-‘communio vitae’. Fil-kawza **“Micallef vs Micallef”** deciza fl-4 ta’ Mejju 1993, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi ‘element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja (‘communio vitae’) bejniethom”.*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *(“colorem habens, substantiam vero nullam”)* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *“eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu”*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **“Bonnici vs Bonnici”** (P.A. 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*’finis operis’* taz-zwieg gie effettivament eskluz

mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*, ** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, **"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions. A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ghalhekk l-partijiet resqu ghal dan iz-zwieg ghar-ragunijiet precizi taghhom, totalment indipendenti minn dak li parti kienet thoss ghall-ohra, u *vice versa,* u dan huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, u hawn issir referenza ghal dak li nghad fid-decizjoni **"Mary Mustefa**

**Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) li ghaliha qed issir referenza.

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza jikkonsistu f'affidavit tal-attrici Sharlene Cachia, ta' Therese Cachia – omm l-attrici, ta' Sonia Brincat – oht l-attrici, u ta' Vanessa Tonna – ukoll oht l-attrici. Mill-istess xhieda jirrizulta li l-partijiet iltaqghu f'Taormina fis-sajt tal-1997 meta l-attrici kienet vaganza hemmhekk u l-konvenut ta' nazzjonalita' Taljana kien jahdem hemmhekk. Ghamlu gimgha jiltaqghu, u l-attrici giet lura Malta, pero' l-kontendenti zammu kuntatt ma' xulxin, tant li l-attrici regghet telghet Taormina wara xahrejn.

Illi f'din l-ahhar mawra l-konvenut kien tilef l-impjieg tieghu, u l-attrici offrietlu li jigi maghha Malta. Hekk sar u mar jghix maghha Bugibba u beda jahdem bla permess hawn Malta, sakemm wara sena u tmien xhur inqabad mill-Pulizija u tressaq il-Qorti, u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati giet ordnata d-deportazzjoni tieghu minn Malta. Sar appell mill-istess sentenza, u f'dan il-perjodu l-partijiet iddecidew li jizzewgu bl-iskop uniku sabiex tigi evitata t-tkeccija tal-istess konvenut minn Malta.

Illi dan kollu sar b'ghaggla kbira qabel it-tmiem tal-proceduri gudizzjarji, u sar l-oppozizzjoni tal-familjari tal-attrici ghal tali zwieg, peress li l-konvenut kien ukoll divorzjat, kellu tifel li jinsab il-Germanja, u kellu precedenti kriminali konnessi mad-droga fl-Italja u l-Germanja. Bis-sahha ta' dan iz-zwieg il-konvenut ma giex deportat kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (VDG). Iz-zwieg sar fil-31 t'Ottubru 1999 u l-attrici mill-ewwel inqabdet tqila, u hawn skond l-attrici hareg il-karattru tieghu billi beda jkun aggressiv lejha b'kull mod, u sahansitra sawwat lill-attrici. Il-konvenut telaq mid-dar konjugali f'Novembru 2001 u l-partijiet isseparaw b'kuntratt datat April 2002, u minn dakinhar tilfet kull kuntatt mal-konvenut, tant li lanqas jara lil ibnu.

Dawn il-fatti gew ikkorroborati mix-xhieda kollha prodotta mill-attrici, u dawn bl-ebda mod ma gew ikkontestati, u ghalhekk bhala fatti jirrizultaw ippruvati, u minnhom jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li dan kien biss zwieg ta' konvenjenza bl-iskop uniku li l-konvenut ikun jista' jibqa' jghix Malta u jahdem u b'konsegwenza ma jkunx deportat.

Illi jidher car li f'dan il-kuntest l-attrici kellha difett ta' kunsens affett b'nuqqas ta' destinazzjoni fuq il-hajja mizzewga, sforz ukoll l-eta' tenera taghha meta dahlet ghal dan iz-zwieg, peress li ma hemm l-ebda dubju li z-zwieg hija istituzzjoni serja, u wiehed ma jidholx ghall-istess sabiex jinqeda bhala istituzzjoni ghall-iskopijiet tieghu. Iz-zwieg veru jehtieg li jigi trattat b'mod hafna aktar serju minn hekk u l-kunsens irid ikun tali li b'maturita' volitiva u b'sens ta' konoxxenza u direzzjoni soda, jikkomprendi l-hajja komunali li tali unjoni permanenti, unita` u ndissolibbli timporta. Dan kollu kien nieqes mill-attrici, u m'hemmx dubju li l-istess japplika ghall-konvenut, li skop wiehed biss kellu, 'il boghod sew mill-kuncetti hawn indikati.

Illi jidher ukoll, minn kif zvolgew l-avvenimenti kemm qabel u wkoll wara z-zwieg li l-konvenut eskluda *a priori* elementi essenzjali taz-zwieg, tant li mill-bidu nett il-konvenut haseb ghalih biss, tibda bir-raguni ghaliex dahal ghal dan iz-zwieg, u bil-mod kif tratta lil martu fil-konvivenza taghhom, u tispicca kif abbanduna d-dar matrimonjali, u sahansitra lil ibnu. Jidher li din ma kenitx l-ewwel darba li ghamel hekk.

Illi f'dan il-kuntest jidher ghalhekk li tali zwieg celebrat civilment biss huwa null *ab initio ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, ghax kien biss zwieg ta' konvenjenza u xejn aktar.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi

deputati fejn l-istess huma nkosistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fil-31 ta’ Ottubru 1999 huwa null u bla effett fil-Ligi u dana *ai termini* ta’ dak dispost fl-Att XXXVII ta’ l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet – Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------